**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**
(**Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Ryan Agius**

**Illum, 12 ta' Mejju 2017,**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Ryan Agius**, ta' 21 sena, iben Gordon Agius u Vanessa Mifsud, imwieled Pieta', nhar it-18 ta' Awwissu 1995, residenti gewwa 41, 'Sydney', Triq il-Harifa, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 357295M;

Akkuzat talli:

F’dawn il-gzejjer **fil-11 ta’ Mejju 2017 u fl-erba’ xhur ta’ qabel din id-data:**

1. Ikkoltiva l-pjanta ‘Cannabis’ bi ksur tal-artikolu 8 (c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ipproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta ‘Cannabis’ jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Biegh jew xort’ohra ttraffika il-pjanta ‘Cannabis’ kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta ‘Cannabis’ jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta ‘Cannabis’ kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu**

Akkuzat aktar talli:

F'dawn il-gzejjer nhar il-11 ta' Mejju 2017 u s-snin ta' qabel:

6. Biegh jew xort'ohra ttraffika il-pjanta 'Cannabis' kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art 8 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta *(Trafficking by sharing)*;

7. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta 'Cannabis' jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta *(Trafficking by sharing)*;

8. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta 'Cannabis' kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta 'Cannabis' jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat aktar talli:

Fix-xahar ta' Mejju 2016 u s-sena ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer:

10. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-

Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Ryan Agius rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Illi l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'zewg gradi stante l-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 8(b), 8(c), 8(d), 8(e) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija effettiva b'rakkomandazzjoni li l-imputat jinzamm fis-sezzjoni YOURS u jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga; u tikkundannah ukoll multa ta' erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), kif ukoll l-hlas tal-ispejjez peritali, liema multa u hlas ghandhom jithallsu fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur